**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

MALTA

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Marco Micallef
Vs
Crosscraft Co. Ltd.

CCT 111/22/MM

Illum, 9 ta' Mejju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-12 ta' Awwissu 2022 fejn talab s-somma ta' hames mija u disgha u disghin Ewro (€ 599), rappreżentanti l-valur ta' *barbeque* mixtri minghand is-socjeta' intimata li fit-terminu tal-garanzija hariglu s-sadid.
Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata fejn sahqet li d-dannu gie rappurtat disgha xhur wara il-bejgh kif ukoll li d-dannu irrizulta minhaba uzu hazin mir-rikorrenti.
Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi rriżulta mill-provi li r-rikorrenti kien xtara *barbeque*, liema apparat hargitlu hsara skont ir-ritratti annessi wara l-uzu ta' stagun wiehed tas-Sajf.

Illi Kenneth Francica ghas-socjeta' intimata jzid jiddikjara li l-*barbeque* huwa maghmul minn hafna parts differenti fejn dawn il-parts ma jigux mahduma fl-istess fabbriki jew fl-istess pajjiz u ghalhekk ma setghax ikun li l-fabbriki kollha kellhom difett fil-prodott.

Ikkunsidra

Illi mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti gab il-prova li ma hijiex kontestata li l-*barbeque* hariglu s-sadid fiz-zmien tal-garanzija. Min-naha l-ohra, is-socjeta' intimata ma gabitx prova li tikkorrabora l-verzjoni taghha principarjament li s-sadid hareg kawza tal-uzu hazin mir-rikorrenti. Anki, it-Tribunal jinnota li minkejja l-istedina tieghu biex jinhatar espert, il-partijiet ma riedux.

Ghalhekk fuq bilanc ta' probabbilta' isib li r-rikorrenti ghandu ragun.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqgħa t-talba tar-rikorrenti, u jikkundanna lis-soċjeta' intimata tirrifondi lura lir-rikorrenti l-ammont ta' Euro 599 fi zmien gimghatejn mis-sentenza filwaqt li r-rikkorenti ghandu jikkonsenja lura l-*barbeque*.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata.

Martha Mifsud LL.D.
Arbitru